MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 2/2007

Paul Zammit

vs

Dr. Anton Refalo bhala mandatarju ta’ l-imsiefra Carrie Anne u Trudy Grech u b’digriet tat-13 ta’ April 2007, l-Avukat Dottor Carmelo Galea gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-imsiefra Carrie Anne u Trudy ahwa Grech minflok l-Avukat Dottor Anton Refalo.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

“Peress illi l-konvenuti bhala eredi tal-mejjet Charlie Grech ghandhom ihallsu lill-attur il-bilanc ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u erbgha centesmi (Lm425.04), dovuti lilu bhala hlas ghal xoghol ta’ mastrudaxxa illi huwa esegwixxa fil-hanut “Four Seasons”, fi Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex, fuq inkarigu tal-mejjet Charlie Grech.

Il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati ihallsu wkoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Jannar 2005 (Dok.A), u l-ispejjez ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-Avukat Dottor Carmelo Galea fil-kwalita' tieghu ta' kuratur tal-imsifrin  Carrie Anne u Trudy ahwa Grech li tghid hekk :

"Illi d-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Difatti l-ammont kollu dovut lil Paul Zammit illum thallas fl-intier tieghu mill-esponenti kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Minn ezami tal-istatement provdut mill-attur jidher illi l-attur naqas illi jikredita l-ammont ta' Lm283.36 illi thallas lilu permezz ta' cheque Nru.278 fuq il-kont 40011335672 mibghut lilu fit-2 ta' Mejju 2003, u debitament imsarraf minnu fit-13 ta' Mejju 2003 – Dokumenti CG1 u GC2 annessi. Imbaghad, l-ammont bilancjali ta' Lm141.68 thallas permezz ta' cheque Nru.4660 fuq il-kont Nru.12401024039 illi ntbaghat lilu fid-9 ta' April 2007 – qabel ma l-esponenti gie notifikat b'dan l-avviz – dok. CG3".

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet u d-dikjarazzjoni tal-abbli difensur tal-attur verbalizzata fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2007, li s-sorte jinsab imhallas u li mhuwiex qed jinsisti ghall-hlas tal-imghax, pero' zamm ferm it-talba tieghu dwar il-kap tal-ispejjez;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza proprju dwar il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidra :

Minn ezami tad-dokumenti esibiti senjatament id-dokumenti CG1 u CG2, jirrizulta lil dan it-Tribunal li kien sar pagament akkont tas-sorte fl-ammont ta’ mitejn u tlieta u tmenin Liri maltin u sitta u tletin centensmi (Lm283.36) f’Mejju 2003, u li effettivament l-attur kien sarraf fit-13 ta’ Mejju 2003, fuq liema ammont l-attur ghazel li jipprocedi xorta wahda u inkuldih fl-Avviz tat-Talba. Il-bilanc ta’ mija u wiehed u erbghin liri maltin u tmienja u sittin centesimi (Lm141.68) jirrizulta li thallas fil-mori tal-kawza ghalkemm il-konvenuti kienu ghadhom ma gewx innotifikati bl-avviz tat-talba.

Fic-cirkostanzi u wara li ra l-artikolu 223(3) tal-Kapitolu12 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan it-Tribunal jara li hemm raguni tajba l-ghaliex m’ghandux jikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza izda li l-ispejjez jigu apporzjonati bejn il-partijiet fil-kwoti ta’ terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi ghall-konvenuti (2/3), u dan billi meta gie ntavolat l-avviz tat-talba, kienu gia’ thallsu lill-attur mill-ammont pretis, zewg terzi minnu.

Jiddeciedi ghaldaqstant il-kawza billi jikkundanna lill-attur ghal terz (1/3) mill-ispejjez u lill-konvenuti ghal zewg terzi (2/3).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------